# Il-Villa Rumana Ta' Kaċċatura

**Minn Amanda Bonniċi B.A. Hons. P.G.C.E. History**

Fi żmien il-ħakma Rumana, Malta kienet magħrufa bħala Melite filwaqt li Għawdex bħala Gaudisium.

Uħud mill-fdal li għandna ta żmien Rumani huma numru ta' vilel fil-kampanja. Il-vilel Rumani joffru studju importanti dwar il-perjodu Ruman f'Malta u jagħtu dawl fuq il-ħajja u s-soċjet f' dak iż-żmien.

Fin-naħat tan-Nofsinhar ta' Malta nistgħu nsibu ħames postijiet,fejn kien hemm vilel Rumani. Dawn huma: l-Imqabba (villa, għodda għall-għasir taż-żebbuġ),Ħal Millieri (għodda għall-għasir taż-żebbuġ),Ta' Kaċċatura f'Birżebbuġa (sibna villa u post għall-għasir taż-żebbuġ), Ħal Far (villa, għodda għall-għasir taż-żebbuġ) Ftit l-isfel min Għar Dalam nsibu waħda min dawn il-villel magħrufa bħala ta' Kaċċatura Fil- villa Rumana f'Birzebbuġa nstabet villa u post għall-għasir taż- żebbuġ.





Il-Villa Rumana ta' Kaċċatura saru skavi fiha. Tinsab fuq ġenb ta Wied Dalam, propju faċċata ta' Għar Dalam. L-affariiet li nstabu juru bi ċar li hawnhekk kien jsir tgħasir ta' żebbug. Nstabet ukoll ġiebja kbira għall-ħażna tal-ilma, barra minhekk nstabu wkoll tliet muniti ta' żmien puniku flimkien ma' żewġ muniti oħra bi xbieha tal-Imperaturi Grazianu u Valentin.

F'Malta għadna qatt ma sibna dar taż-żmien Puniku li ġiet studjata iżda kull każ ta' villa Rumana li ġie studjat u skavat nstabu pedamenti u fdalijiet strutturali taż- żmien Puniku juru biċ-ċar li d-djar Rumani ġew mibnija flok dawk pre`ċedenti. Dawn huwa l-każ tal-villa ta' Kaċċatura f'Birżebbuġa. L-istess sitwazzjoni f'taż- Żejtun u San Pawl Milqi, l-akbar waħda li nstabet. L-istudju juri li anki magħsar taż-żebbuġ li nstabu f'dawn il-vilel Rumani huma ta' stil Puniku.

## Ċisterni

Hemm żewġ tipi ta' ċisterni. L-ewwel tip ta' ċisterna kienu fl-għamla ta flixkun u tieni fl-għamlata' kaxxa tawwallija. Tnejn li huma maħduma fil-ġebel jew talanqas parti sostanzjali kienet magħmulha min dan il-materjal. L-ewwel tip kienu aktar sempliċi fl-għamla u teknologija li tikkonsisti fi pjan tond forma ta' ċirku,





filwaqt li l-ħajt jinklina l-ġewwa, fin-naħa ta' fuq, bir-riżultat ta' toqba żgħira fil-wiċċ. L- iktar ċ`isterna li ċerti ta' liema perjodu hi u minn dan tip hija dik li nstabet fid-Domus Romana tar-Rabat (1983- 84).

I-tip l-ieħor ta' ċisterni kienu aktar spazjużi u sofistikati. Il-pjan tagħha kien forma ta' kaxxa jew rettangulari. Is-soqfa kienu dritti u ma jinklinawx il- ġewwa, għaldaqstant kien neċessarju saqaf. Din it-tip ta ċisterna kellha diversi konolli ħoxnin u kbar żewġ metri għoljin, miżmuma permezz ta' arkati orizzontali jew ġebel oħxon mindud li kien miżmum minn pilastri.

Meta nosservaw il-vilel Rumani misjuba fuq ix-xtut tal-Mediterran, speċjalment fl-Afrika ta' Fuq wieħed jista' jintebaħ li Villa Rumana: tinsab fil-kampanja, għalhekk insejħulha rustika, hemm il-biedja marbuta ma' l-attivitajiet tan-nies li kienu jgħixu fiha' Il-villa kienet importanti u kienet ukoll sinjal (landmark), għalhekk għan-nies kienet qisha l-kappelli li nsibu fil-kampanja llum. Il-villa u l-għelieqi ta' madwarha (ager) flimkien kienu jiffurmaw fundus. Il-vilel kienu jimplikaw li l-art ġiet kolonizzata mir-Rumani.

Vilel Rumani ma kinux xi djar lussużi. L-attività ewlenija kienet waħda ekonomika. Fil-vilel kien isir l-għasir taż-żebbuġ għaż-żejt, l-għasir ta' l-għeneb għall-inbid. In-numru ta' vilel Rumani li sibna huwa kbir ħafna meta tikkunsidra ċ-ċokon ta' Malta. Bosta vilel, bħal dik Ta' Kaċċatura nstabu qrib il-baħar. Probabbli kien hemm passaġġi jew toroq li jgħaqqdu l-vilel bejniethom, mal-belt kapitali Melita u mal-portijiet. Is-sidien tal-vilel setgħu kienu Rumani li kellhom ċertu poter f'Malta, bħal maġistrati. Huwa ta' ħasra kbira li dan it-teżor storiku jinsab mitluq kif inhu lum il-ġurnata.


Referenzi:
1)http://www.authorstream.com/Presentation/tonypace-193137-rumani-malta-form-1-rumani3f-education-ppt-powerpoint/
2) 1 Anthony Bonanno, Malta: Phoenician, Punic and Roman, Midsea Books, Malta, 2005 ,



**Brittania Pharmacy**
**5, Pretty Bay, Birzebbuga**
Managing Pharmacist
Diane Caruana B. Pharm (Hons)
Rayben sunglasses Now Available
**Tel: 2165 8622**